MALTA

ATT Nru. XXIV ta' l-1980

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex iwaqqaf Qorti tal-Minorenni u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' tfal u żgħażagħ.

ACT No. XXIV of 1980

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT for the setting up of a Juvenile Court and to provide for matters relating to children and young persons.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

25 ta' Lulju, 1980

ATT Nru. XXIV ta' l-1980

ATT biex iwaqqaf Qorti tal-Minorenni u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' tfal u żgħażagħ.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 dwar il-Qorti tal-Minorenni.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra —

"tifel jew żagħżugħ" tfisser persuna li tkun taħt l-età ta' sittax-il sena;

"kustodju" tfisser tutur jew kuratur u tinkludi persuna li filfatt tkun qed tagħmilha ta' kustodju;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 126 tal-Kostituzzjoni.

Qorti tal-Minorenni.

3. (1) Għandha titwaqqaf skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, qorti ta' liġi li tkun magħrufa bħala l-Qorti tal-Minorenni sabiex tisma' akkużi kontra, jew proċedimenti oħra dwar, tifel jew żagħżugħ skond dan l-Att u sabiex teżerċita kull ġurisdizzjoni oħra mogħtija lill-qrati tal-minorenni b'dan jew taħt dan l-Att jew b'xi jew taħt xi Att ieħor, sew jekk qabel kif ukoll wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

(2) Bla ħsara għas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Qorti tal-Minorenni titqies li hi Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja u jkollha l-istess ġurisdizzjoni dwar is-smiegħ ta' akkużi u dwar proċedimenti oħra li għandhom x'jaqsmu ma' tfal jew żgħażagħ li l-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u bħala Qorti ta' Inkjesta, kien ikollha, kieku ma kinux għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Id-disposizzjonijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali u ta' kull liġi oħra li japplikaw għall-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja għandhom, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, japplikaw għall-Qorti tal-Minorenni. Kap. 12

(4) Deċiżjonijiet u digrieti interlokutorji tal-Qorti tal-Minorenni jkunu suġġetti għal appell bl-istess mod u fl-istess żmien bħal deċiżjonijiet u digrieti interlokutorji tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

Iżda ma jkun hemm ebda appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Minorenni taħt is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1980 dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien). Att Nru. XVIII ta' l-1980

4. (1) Il-Qorti tal-Minorenni tkun magħmula minn — Kostituzzjoni tal-Qorti tal-Minorenni.

(a) Maġistrat, bħal *Chairman*, u

(b) żewġ membri oħra, li fil-fehma tal-Prim Ministru huma kwalifikati biex jittrattaw dwar il-minorenni, li minnhom wieħed tkun mara.

(2) Iċ-*Chairman* u l-membri l-oħra tal-Qorti tal-Minorenni jkunu maħtura mill-President skond il-parir tal-Prim Ministru.

(3) Persuna li tkun uffiċjal pubbliku ma tkunx tista' tiġi maħtura bħala wieħed mill-membri msemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) Il-kariga ta' membru tal-Qorti tal-Minorenni barra mill-kariga taċ-*Chairman* tkun vakanti —

(a) meta jgħaddu ħames snin mid-data tal-ħatra tiegħu jew qabel kif jista' jiġi speċifikat fl-ittra tal-ħatra tiegħu; jew

(b) jekk jitneħħa mill-kariga bl-istess mod u għall-istess raġunijiet kif Maġistrat jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu; jew

(ċ) jekk isir uffiċjal pubbliku.

(5) Iċ-*Chairman* iħalli l-kariga tiegħu mal-ħatra ta' Maġistrat ieħor biex jagħmilha ta' *Chairman* tal-Qorti tal-Minorenni jew malli ma jibqax Maġistrat.

(6) Jekk il-kariga ta' membru tal-Qorti tal-Minorenni tkun vakanti jew jekk xi membru ma jkunx jista' għal xi raġuni jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-President li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru jista' jaħtar persuna oħra bħala membru temporanju ta' dik il-Qorti u kull persuna hekk maħtura għandha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5) ta' dan l-artikolu, ma tibqax membru meta persuna tinħatar biex timla' dik il-vakanza jew, skond il-każ, meta l-membru li ma setgħax jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, jerġa' jidħol għal dawk il-funzjonijiet.

(7) Persuna maħtura bħala membru tal-Qorti tal-Minorenni barra miċ-*Chairman* għandha, fil-bidu ta' l-ewwel seduta tal-Qorti wara li tkun ħadet il-ħatra tagħha, tieħu ġurament fil-qorti bil-miftuħ li taqdi l-funzjonijiet tagħha bl-onestà u b'imparzjalità u skond il-liġi; xort'oħra din tkun marbuta bl-istess obbligi, *mutatis mutandis*, li hemm fil-forma tal-ġurament tal-kariga preskritt għal Maġistrati.

(8) Il-membri tal-Qorti tal-Minorenni jistgħu jastjenu jew jiġu rikużati fl-istess każijiet li, skond il-liġi, Maġistrat jista' jastjeni jew jiġi rikużat. Kull kwistjoni dwar xi każ ta' astensjoni jew rikuża u kull kwistjoni li tkun ta' liġi biss jew li tkun dwar l-ammissibilità ta' provi, il-kompetenza ta' xhieda kif ukoll il-kwistjonijiet kollha dwar proċedura, għandhom jiġu deċiżi miċ-*Chairman* waħdu.

(9) Bla ħsara għas-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Minorenni tittieħed b'maġġoranza tal-voti u tingħata miċ-*Chairman*.

Seduti tal-Qorti tal-Minorenni.

5. (1) Il-Qorti tal-Minorenni għandha żżomm seduti f'Malta u f'Għawdex kull tant żmien kif ikun meħtieġ biex tmexxi x-xogħol tagħha bil-ħeffa, u tista' wkoll iżżomm seduti nhar ta' Sibt. Il-jum u l-ħin ta' kull seduta jiġu stabbiliti miċ-*Chairman*.

(2) Il-Ministru għandu, b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi l-post jew il-postijiet fejn il-Qorti tal-Minorenni għandha żżomm isseduti f'Malta u f'Għawdex.

Kompetenza tal-Qorti tal-Minorenni.

6. (1) Meta waqt xi proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Minorenni dik il-Qorti jkun jidhrilha li l-persuna akkużata jew li dwarha jkunu qed isiru proċedimenti laħqet l-età ta' sittax-il sena, l-imsemmija Qorti tista', jekk jidhrilha li ma jkunx opportun li taġġorna l-każ u tirriferih lill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja kompetenti, tgħaddi biex tisma' u tiddeċiedi l-każ:

Iżda meta l-Qorti tgħaddi biex tisma' u tiddeċiedi l-każ kif intqal qabel, il-każ għandu jistema' u jiġi deċiż miċ-*Chairman* waħdu u l-membri l-oħra għandhom jastjenu milli jkomplu jieħdu konjizzjoni tal-każ.

(2) Meta waqt xi proċedimenti quddiem Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja dik il-Qorti jidhrilha li l-persuna akkużata jew li dwarha jkunu qed isiru proċedimenti tkun taħt l-età ta' sittax-il sena, l-imsemmija Qorti għandha taġġorna l-każ u tirriferih lill-Qorti tal-Minorenni li għandha tgħaddi biex tisma' u tiddeċiedi l-każ daqslikieku l-proċedimenti jkunu nbdew quddiem l-imsemmija Qorti tal-Minorenni.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, u tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, il-Qorti tal-Minorenni ma tkunx kompetenti li tisma' akkużi kontra, jew proċedimenti oħra dwar, tifel jew żagħżugħ li jkun akkużat flimkien ma' xi persuna oħra li ma tkunx tifel jew żagħżugħ.

Esklużjoni tal-pubbliku waqt seduti.

7. Ebda persuna oħra ħlief il-membri u l-uffiċjali tal-Qorti tal-Minorenni u tal-prosekuzzjoni, il-partijiet fil-kawża u d-difensuri tagħhom jew membri oħra tal-professjoni legali, rappreżentanti tal-Ministeru responsabbli għall-Għajnuna Soċjali, ix-xhieda jew persuni oħra li jkollhom x'jaqsmu direttament mal-każ, il-ġenituri jew qarib ieħor jew il-kustodju tat-tifel jew żagħżugħ akkużat jew li jkollu x'jaqsam fil-proċedimenti, u rappreżentanti *bona fide* tal-gazzetti, ma għandha, ħlief bil-permess tal-Qorti tal-Minorenni, tkun preżenti waqt seduta ta' dik il-Qorti jew f'xi post ieħor ma' ġenb il-kamra fejn ikun qed jinstema' l-każ jew ikunu qed isiru l-proċedimenti.

Restrizzjonijiet dwar rapporti ta' proċedimenti fil-Qorti tal-Minorenni.

8. (1) Bla ħsara għal kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, u bla ħsara għal kif provdut hawnhekk iżjed 'il quddiem, ebda rapport f'gazzetta jew xandir bis-smiegħ jew bit-televiżjoni dwar xi proċedimenti fil-Qorti tal-Minorenni ma għandu jikxef l-isem, l-indirizz jew l-iskola, jew ikun fih xi partikolaritajiet li jistgħu jwasslu għall-identifikazzjoni, ta' xi tifel jew żagħżugħ li jkollu x'jaqsam ma' dawk il-proċedimenti, jew bħala l-persuna li kontra tagħha jew li dwarha jkunu qed isiru l-proċedimenti jew bħala li tkun xhud fihom, u lanqas

ma għandu jiġi ppubblikat f'xi gazzetta jew fuq it-televiżjoni xi ritratt bħala li jkun ritratt jew li jinkludi ritratt ta' xi tifel jew żagħżugħ li jkollu hekk x'jaqsam f'xi proċedimenti kif intqal qabel:

Iżda l-Qorti tal-Minorenni jew il-Ministru jista' f'kull każ, jekk ikun sodisfatt li jkun xieraq li hekk jagħmel sabiex tiġi evitata inġustizzja għat-tifel jew żagħżugħ, b'ordni jneħħi l-ħtiġiet ta' dan is-subartikolu dwar dak it-tifel jew żagħżugħ sa dak il-limitu li jista' jiġi speċifikat fl-ordni.

(2) Kull persuna li tippubblika jew ixxandar xi ħaġa bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti tal-Minorenni u tista' teħel ammenda jew multa jew detenzjoni skond il-Kodiċi Kriminali, barra minn kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett il-ħati skond il-liġi, kemm-il darba bil-pubblikazzjoni jew bix-xandir jirriżulta reat ieħor:

Iżda għal dan ir-reat l-ieħor l-azzjoni kriminali titmexxa separatament skond il-liġi.

(3) Bla ħsara għas-setgħat tal-Qorti tal-Minorenni mogħtija lilha bis-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, jekk il-Pulizija ssir taf bil-pubblikazzjoni jew bix-xandir ta' xi ħaġa bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, din għandha minnufih tgħarraf lill-Qorti tal-Minorenni u għandha tesegwixxi dawk id-direttivi li tagħti l-Qorti tal-Minorenni, verbalment jew bil-miktub, biex jittieħdu proċedimenti quddiem l-imsemmija Qorti kontra min ikun għamel ir-reat b'ċitazzjoni jew b'arrest.

Il-Qorti tista' tisma' xhieda bil-bibien magħluqin.

9. (1) Meta, f'xi proċedimenti quddiem xi qorti ta' ġustizzja kriminali dwar reat kontra, jew xi imġieba kontra d-diċenza jew il-moralità, tifel jew żagħżugħ jissejjaħ bħala xhud, il-qorti tista' tordna li kull persuna, barra mill-persuni msemmija fl-artikolu 7 ta' dan l-Att, tintbagħat barra mill-awla sakemm tkun qed tittieħed ix-xiehda ta' dak ix-xhud.

(2) Is-setgħat mogħtija lil qorti b'dan l-artikolu jkunu b'żieda ma', u mingħajr preġudizzju għal, kull setgħa oħra tal-qorti li żżomm seduti bil-magħluq.

It-tfal ma jistgħux ikunu preżenti fil-qorti.

10. Ebda tifel jew żagħżugħ li ma jkunx mal-ġenituri tiegħu jew ma' qarib ieħor jew mal-kustodju tiegħu ma jista' jkun preżenti f'xi qorti ta' ġustizzja kriminali waqt il-ġudizzju ta' xi persuna akkużata b'reat jew waqt xi proċedimenti preliminari għal dak il-ġudizzju; u kull tifel jew żagħżugħ li jkun preżenti fil-qorti u ma jkunx akkompanjat kif intqal qabel għandu jiġi ordnat mill-qorti li jitbagħat 'l barra mill-awla kemm-il darba ma jkunx il-persuna akkużata bir-reat, jew sakemm dak il-ħin il-preżenza tiegħu ma tkunx meħtieġa bħala xhud jew xort'oħra għall-finijiet tal-ġustizzja.

Disposizzjonijiet li japplikaw għal qrati ta' ġustizzja kriminali.

11. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull qorti ta' ġustizzja kriminali meta l-persuna jew waħda mill-persuni akkużati, jew meta l-appellant jew l-appellat jew wieħed mill-appellanti jew wieħed mill-appellati, ikun tifel jew żagħżugħ.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal proċedimenti quddiem kull qorti ta' ġustizzja kriminali.

(9) Bla ħsara għas-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Minorenni tittieħed b'maġġoranza tal-voti u tingħata miċ-*Chairman*.

Seduti tal-Qorti tal-Minorenni.

5. (1) Il-Qorti tal-Minorenni għandha żżomm seduti f'Malta u f'Għawdex kull tant żmien kif ikun meħtieġ biex tmexxi x-xogħol tagħha bil-ħeffa, u tista' wkoll iżżomm seduti nhar ta' Sibt. Il-jum u l-ħin ta' kull seduta jiġu stabbiliti miċ-*Chairman*.

(2) Il-Ministru għandu, b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi l-post jew il-postijiet fejn il-Qorti tal-Minorenni għandha żżomm isseduti f'Malta u f'Għawdex.

Kompetenza tal-Qorti tal-Minorenni.

6. (1) Meta waqt xi proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Minorenni dik il-Qorti jkun jidhrilha li l-persuna akkużata jew li dwarha jkunu qed isiru proċedimenti laħqet l-età ta' sittax-il sena, l-imsemmija Qorti tista', jekk jidhrilha li ma jkunx opportun li taġġorna l-każ u tirriferih lill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja kompetenti, tgħaddi biex tisma' u tiddeċiedi l-każ:

Iżda meta l-Qorti tgħaddi biex tisma' u tiddeċiedi l-każ kif intqal qabel, il-każ għandu jistema' u jiġi deċiż miċ-*Chairman* waħdu u l-membri l-oħra għandhom jastjenu milli jkomplu jieħdu konjizzjoni tal-każ.

(2) Meta waqt xi proċedimenti quddiem Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja dik il-Qorti jidhrilha li l-persuna akkużata jew li dwarha jkunu qed isiru proċedimenti tkun taħt l-età ta' sittax-il sena, l-imsemmija Qorti għandha taġġorna l-każ u tirriferih lill-Qorti tal-Minorenni li għandha tgħaddi biex tisma' u tiddeċiedi l-każ daqslikieku l-proċedimenti jkunu nbdew quddiem l-imsemmija Qorti tal-Minorenni.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, u tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, il-Qorti tal-Minorenni ma tkunx kompetenti li tisma' akkużi kontra, jew proċedimenti oħra dwar, tifel jew żagħżugħ li jkun akkużat flimkien ma' xi persuna oħra li ma tkunx tifel jew żagħżugħ.

Esklużjoni tal-pubbliku waqt seduti.

7. Ebda persuna oħra ħlief il-membri u l-uffiċjali tal-Qorti tal-Minorenni u tal-prosekuzzjoni, il-partijiet fil-kawża u d-difensuri tagħhom jew membri oħra tal-professjoni legali, rappreżentanti tal-Ministeru responsabbli għall-Għajnuna Soċjali, ix-xhieda jew persuni oħra li jkollhom x'jaqsmu direttament mal-każ, il-ġenituri jew qarib ieħor jew il-kustodju tat-tifel jew żagħżugħ akkużat jew li jkollu x'jaqsam fil-proċedimenti, u rappreżentanti *bona fide* tal-gazzetti, ma għandha, ħlief bil-permess tal-Qorti tal-Minorenni, tkun preżenti waqt seduta ta' dik il-Qorti jew f'xi post ieħor ma' ġenb il-kamra fejn ikun qed jinstema' l-każ jew ikunu qed isiru l-proċedimenti.

Restrizzjonijiet dwar rapporti ta' proċedimenti fil-Qorti tal-Minorenni.

8. (1) Bla ħsara għal kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, u bla ħsara għal kif provdut hawnhekk iżjed 'il quddiem, ebda rapport f'gazzetta jew xandir bis-smiegħ jew bit-televiżjoni dwar xi proċedimenti fil-Qorti tal-Minorenni ma għandu jikxef l-isem, l-indirizz jew l-iskola, jew ikun fih xi partikolaritajiet li jistgħu jwasslu għall-identifikazzjoni, ta' xi tifel jew żagħżugħ li jkollu x'jaqsam ma' dawk il-proċedimenti, jew bħala l-persuna li kontra tagħha jew li dwarha jkunu qed isiru l-proċedimenti jew bħala li tkun xhud fihom, u lanqas

ma għandu jiġi ppubblikat f'xi gazzetta jew fuq it-televiżjoni xi ritratt bħala li jkun ritratt jew li jinkludi ritratt ta' xi tifel jew żagħżugħ li jkollu hekk x'jaqsam f'xi proċedimenti kif intqal qabel:

Iżda l-Qorti tal-Minorenni jew il-Ministru jista' f'kull każ, jekk ikun sodisfatt li jkun xieraq li hekk jagħmel sabiex tiġi evitata inġustizzja għat-tifel jew żagħżugħ, b'ordni jneħħi l-ħtiġiet ta' dan is-subartikolu dwar dak it-tifel jew żagħżugħ sa dak il-limitu li jista' jiġi speċifikat fl-ordni.

(2) Kull persuna li tippubblika jew ixxandar xi ħaġa bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti tal-Minorenni u tista' teħel ammenda jew multa jew detenzjoni skond il-Kodiċi Kriminali, barra minn kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett il-ħati skond il-liġi, kemm-il darba bil-pubblikazzjoni jew bix-xandir jirriżulta reat ieħor:

Iżda għal dan ir-reat l-ieħor l-azzjoni kriminali titmexxa separatament skond il-liġi.

(3) Bla ħsara għas-setgħat tal-Qorti tal-Minorenni mogħtija lilha bis-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, jekk il-Pulizija ssir taf bil-pubblikazzjoni jew bix-xandir ta' xi ħaġa bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, din għandha minnufih tgħarraf lill-Qorti tal-Minorenni u għandha tesegwixxi dawk id-direttivi li tagħti l-Qorti tal-Minorenni, verbalment jew bil-miktub, biex jittieħdu proċedimenti quddiem l-imsemmija Qorti kontra min ikun għamel ir-reat b'ċitazzjoni jew b'arrest.

Il-Qorti tista' tisma' xhieda bil-bibien magħluqin.

9. (1) Meta, f'xi proċedimenti quddiem xi qorti ta' ġustizzja kriminali dwar reat kontra, jew xi imġieba kontra d-diċenza jew il-moralità, tifel jew żagħżugħ jissejjaħ bħala xhud, il-qorti tista' tordna li kull persuna, barra mill-persuni msemmija fl-artikolu 7 ta' dan l-Att, tintbagħat barra mill-awla sakemm tkun qed tittieħed ix-xiehda ta' dak ix-xhud.

(2) Is-setgħat mogħtija lil qorti b'dan l-artikolu jkunu b'żieda ma', u mingħajr preġudizzju għal, kull setgħa oħra tal-qorti li żżomm seduti bil-magħluq.

It-tfal ma jistgħux ikunu preżenti fil-qorti.

10. Ebda tifel jew żagħżugħ li ma jkunx mal-ġenituri tiegħu jew ma' qarib ieħor jew mal-kustodju tiegħu ma jista' jkun preżenti f'xi qorti ta' ġustizzja kriminali waqt il-ġudizzju ta' xi persuna akkużata b'reat jew waqt xi proċedimenti preliminari għal dak il-ġudizzju; u kull tifel jew żagħżugħ li jkun preżenti fil-qorti u ma jkunx akkompanjat kif intqal qabel għandu jiġi ordnat mill-qorti li jitbagħat 'l barra mill-awla kemm-il darba ma jkunx il-persuna akkużata bir-reat, jew sakemm dak il-ħin il-preżenza tiegħu ma tkunx meħtieġa bħala xhud jew xort'oħra għall-finijiet tal-ġustizzja.

Disposizzjonijiet li japplikaw għal qrati ta' ġustizzja kriminali.

11. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull qorti ta' ġustizzja kriminali meta l-persuna jew waħda mill-persuni akkużati, jew meta l-appellant jew l-appellat jew wieħed mill-appellanti jew wieħed mill-appellati, ikun tifel jew żagħżugħ.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal proċedimenti quddiem kull qorti ta' ġustizzja kriminali.

Setgħa għall-eġħmil ta' regolamenti.

12. Il-Ministru jkollu s-setgħa li jagħmel regolamenti biex jippreskrivu r-rimunerazzjoni li għandha titħallas lill-membri tal-Qorti tal-Minorenni barra miċ-*Chairman*.

Revoka tal-Kap. 71.

13. L-Ordinanza dwar il-Qorti tal-Minorenni hi b'dan revokata.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 417 tal-21 ta' Lulju, 1980.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati